MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 266/2014

Appell Nru: 266/2014

Il-Pulizja

Spettur Paul Bond

Vs

Karmenu Debono

Illum 26 ta’ Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Karmenu Debono, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 851453M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 ta' Marzu, 2014 ghall-habta ta' 11:53Hrs fi Triq Sant Andrija, Zurrieq u fi bnadi ohra fil-madwar:

1. Saq vettura Nru. HAC-494 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorità ghat-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda/ggaraxxjata).
2. Saq l-imsemmija vettura Nru. HAC-494 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, Artikolu 3(1) tal-Kap. 104. Peress illi l-akkuzi kollha kif dedotti gew ppruvati, sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha, immultatu multa ta' elfejn u erbgha mitt ewro (€2400) u ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Etienne Fenech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-20 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-totalita' taghha, u dan billi tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Karmenu Debono huma s-segwenti w cioe':-

Fl-ewwel lok, ghandu jinghad illi fil-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti giet esebita animo ritirandi il-karta tal-identita' tal-espoenet, u li taghha thalliet kopja fl-atti, li tindika li l-esponent propjament jismu 'Carmelo' mhux 'Karmenu' kif indikat fl-atti. Dan ifisser li l-persuna li kellha quddiemha l-Qorti mhuwiex dak illi gie indikat fl-atti bhala 'Karmenu' u ghal dan il-fatt biss, dan id-dubbju dwar isem l-imputat kellu jmur favur l-esponent bhala imputat. Il-Prosekuzzjoni kellha l-hin kollu disponibbli ghaliha biex tivverifika l-isem preciz tal-imputat, haga li

apparentament m'ghamlitx u baqghet sakemm mexxiet b'din il-kawza kontra 'Karmenu' Debono.

Illi fit-tieni lok, ma jirrizulta minn imkien illi l-imputat inghata xi forma ta' twissija dwar dak li kien ha jghid. Ma gie bl-ebda mod infurmat li ser jigi investigat jew li dak li ha jghid jista' jintuza kotnra tieghu f'xi qorti. Minkejja dan, dak li allegatament qal qighed riportat f'zewg affidavits identitci ta' PC130 u PC106. Dan kien nuqqas proceduralí da parti tal-Pulizija li wkoll jaghmel l-affidavits tal-Pulizija appena msemmija gravament monki.

Illi iktar minn hekk, minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-affidavits tal-Pulizija imkien ma jirrizulta illi l-espoenent kien qighed effettivament isuq il-karozza hu innifsu. Apparti li fil-karozza kien hemm tlieta minn nies, u mhux hu biss, wiehed tajjeb li jsegwi s-sekwenza tal-fatti kif stabbilewhom il-Pulizija. Mela l-ewwel il-Puliziaj qalu li nnutaw 'vettura tal-ghamla VW u lewn blu li ma kellhiex numru ta' registrazzjoni quddiem u wara'. Sa dan il-punt ghadu ma giex stabbilit min kien qieghed isuq. Il-Pulizija imbghad isemmu li marru wara l-imsemmija vetutra 'fejn din kienet giet imwaqqfa gewwa Triq Sant' Andrija, Zurrieq'. Mela issa huwa l-punt fejn il-karozza giet imwaqqfa u m'ghandiex aktar qed tinstaq – isegwi mbghad illi l-Pulizija marru fuq il-karozza u 'talbu lix-xufier flimkien ma' zewg persuni ohra passiggier jinzlu minn gewwa fiha'. L-ewwel darba li saret referenza ghax-xufier kienet propju wara li l-karozza waqfet mis-sewqan. Sa dan il-punt, l-esponenti kien ghadu ma giex identifikat bhala s-sewwieq tal-karozza. L-esponenti isostni ghalhekk illi l-prova illi fil-fatt kien hu li qed isuq l-imsemmija vettura hija nieqsa sew. Il-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti tipprezumi illi dak li kien fil-post tax-xufier fil-hin li l-karozza kienet waqfet, kien propju dak illi kien qed isuq il-karozza fil-bqija tat-tragitt. Din hija prezunzjoni pero' li bir-rispett kollu dina l-Onorabbli Qorti ma tistax taghmel. Iktar u iktar meta l-istess Pulizija xehdu illi kienu marru wara l-imsemija vettura, baqghu isegwiha fit-triq, u mbghad finalment waqqfuha. Il-Pulizija fl-ebda hin ma ghamlu xi allegazzjoni li l-vettura kienet ghaddejja b'xi speed li ma setghux ilahhqu mieghu. Jirrizulta ghalhekk illi ghall-Pulizija kien facli li jidentifikaw lis-sewwieq waqt it-tragitt, u cioe' waqt illi l-karozza kienet qieghda effettivament

tinstaq. Il-Pulizija kellhom ukoll disponibbli ghalihom l-ghazla illi jwaqqfu l-vettura li kienet miexja malli lemhuha, u x'aktarx din kienet l-ahjar azzjoni li setghu jiehdu. Izda le, m'ghamlu xejn minn dan – baqghu isegwuha bhal li kieku dan kien xi film polizjesk, minghajr ma ghamlu l-ebda accenn sabiex iwaqqfu l-istess karozza. Kien biss meta l-karozza waslet fejn kellha tasal, fi Triq Sant' Andrija, li l-Pulizija iddecidew li jkellmu lill-esponent. Dan kollu jixhet dubju serju fuq il-persuna li effettivament kienet qed issuq il-vettura waqt li kienet qed tinstaq, u l-esponent ghal darba' ohra jsostni li prova dwar min kien qieghed isuq, minkejja li kien hemm erbgha ghajnejn isegwu l-vettura, baqghet ma ngabitx.

Illi ghandu jinghad ukoll illi jirrizulta kunflitt car bejn l-akkuzi kif dedotti u dak li ntaql fl-affidavits tal-Pulizija. L-akkuzi jindikaw li l-espoent allegatament saq il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni HAC949 minghajr ma kienet licenzjata u minghajr ma kellha assigurazzjoni. Fl-istess affidavits taghhom pero' l-Pulizija jixhdu li l-vettura li kellha numri ta' registrazzjoni quddiem u lanqas wara. Jigi allura li jew il-vettura kellha n-numri HAC 494 jew ma kellhiex! Jekk il-Pulizija qed jghidu li din il-vettura ma kellhiex numru ta' registrazzjoni ma jistghux jakkuzaw lill-esponent li kien qed isuq il-vettura HAC 494. L-iktar l-aktar l-akkuza kellha tkun illi saq vetutra tal-ghamla VW ta' lewn blu minghjar ma kienet licenzjata ecc. Izda mhux li saq il-vettura HAC 494, meta waqt it-tragitt numri ma kellhiex!

Illi ghandu jinghad ukoll illi f'din il-kawza xehed Stephen Cachia minn Transport Malta, illi xehed dwar kif il-karozza HAC 494 biddlet is-sid registrat taghha fit-13 ta' Mejju, 2014 u s-sid il-gdid hija Sarah Attard. Ma gab pero' l-ebda prova pero' li tindika li b 'xi mod lill-esponent. Fil-verita' indika li din il-karozza giet garaged fis-26 ta' Settembru, 2013, izda ma indikax jekk din il-karozza regghetx thallsitilha xi tip ta' licenzja wara dakinhar. Dan ix-xhud qal espressament li m'ghamilx ricerka ghall-perjodu ta' qabel is-26 ta' Settembru, 2013 u lanqas qal minn min giet garaged din il-vettura. Dan ix-xhud ghalhekk ma jikkorrobora bl-ebda mod dak li qed issostni l-prosekuzzjoni, u cioe' li din il-vettura giet garaged mill-esponent stess u li kienet tappartjeni lilu.

Illi fl-ahhar nett, dwar il-piena, ghandu jinghad ukoll illi xoghol l-esponent huwa propju ta' driver mal-KPH Feeds. Xogholu jinvolvi li jsuq kull xorta ta' vetturi u trucks, jigbor xoghol mid-Dwana, jittrasporta oggetti, ecc. Xogholu ghalhekk huwa strettament marbut mal-otteniment ta' licenzja ghas-sewqan. L-iskawlifika ghal sena milli jkollu xi tip ta' licenzja ghas-sewqan ser tkun qed tfisser fil-prattika illi ha jkun qed jitlef l-impjieg tieghu, f'din l-ahhar sena ta' xoghol tieghu qabel jirtira. L-esponent ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex wara li tara l-intenzjoni tal-esponent, il-kondotta nadifa tieghu u n-nuqqas ta' hsieb tieghu li b'xi mod jikser il-ligi, timmitiga l-piena ghall-inqas f'dik il-parti fejn gie skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan, ghaliex dan ser ikun qed ifisse3r ghalih hardship ferm u ferm akbar mill-hlas tal-multa li gie kkundannat ihallas mill-Ewwel Onorabbli Qorti, apparti il-hlas tal-multa fih innifshu huwa diga' piena sufficjenti kunsidrat il-kaz. Dan qed jinghad dejjem bla pregudizzju ghall-aggravji fuq imsemmija.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) il-pulizija indunaw b'karozza Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni HAC 494 tinstaq fit-triq minghajr pjanci tar-registrazzjoni. Waqqfu din il-karozza u minn go fiha hareg is-sewwieq illi ntalab l-ID card tieghu. Wara li s-sewwieq ta din il-karta tal-identità rrizulta illi kien Karmenu Debono, l-appellant odjern, u ghalhekk tressaq il-Qorti b'akkuza illi saq vettura minghajr licenzja kif ukoll minghajr assikurazzjoni.

B'sentenza tal-ghaxra (10) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) (fol 9) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati, ikkundannatu multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) kif ukoll sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sitt (6) xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-fatti meta hija emmnet lill-pulizija illi waqqfu din il-vettura u minnha harget persuna illi identifikawha bhala Karmenu Debono l-appellant odjern u ghalhekk jista' jkun illi l-persuna li kellha quddiemha l-Qorti mhuwiex dak illi gie indikat bhala Karmenu Debono. Fit-tieni lok ma irrizulta minn imkien illi l-appellant inghata xi forma ta'

twissija dwar dak illi kien ser jinghad. Terga' mill-affidavits tal-pulizija mkien ma jirrizulta illi l-appellant kien qieghed effettivament isuq il-karozza huwa nnifsu. Kien hemm persuni ohra fil-vettura illi però ma ngabux mill-Prosekuzzjoni sabiex jghidu min kien qed isuq il-vettura. Fl-ahhar nett dwar il-piena l-appellant ilmenta illi din kienet gravuza wisq fil-konfront tieghu, jahdem bhala driver ma' KPH Feeds u fadallu biss xi sena u nofs qabel ma jirtira. Ghalhekk is-sospensjoni tista' taffettwa x-xoghol tieghu negattivament.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-affidavits tal-pulizija ma gewx ikkontestati u l-istess pulizija ma ttellghux ghall-kontro ezami. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni il ghalda m'ghandhiex temmen dawn il-verzjonijiet. Skont PC 130 R. Farrugia meta l-pulizija raw din il-vettura tinstaq minghajr pjanci, waqqfuha fi Triq Sant Andrija, iz-Zurrieq u talbu lix-xufier flimkien ma' zewg persuni ohra passiggieri jinzlu minn go fiha. Ix-xufier gie mitlub iforni karta tal-identità fejn irrizulta illi kien certu Karmenu Debono, detentur tal-karta tal-identità 851453M. Il-Qorti tirrileva illi f'cirkostanzi bhal dawn il-pulizija ghandha dritt illi titlob il-karta tal-identità ta' dak li jkun u ma toqghodx biss fuq il-konnotati jew isem illi taghti l-persuna dak il-hin. Dawn il-konnotati gew debitament irregistrati u c-citazzjoni ntbaghtet lill-persuna li tidher f'din il-karta tal-identità li huwa l-appellant odjern li gie l-Qorti u kien prezenti ghas-smigh tal-kawza tieghu. Din il-Qorti hija sodisfatta illi kien l-appellant qed isuq din il-vettura u l-konnotati tieghu huma korretti. Ghall-argument tad-Difiza kif il-pulizija setghu gabu n-numru ta' din il-vettura meta l-pjanci ma kinux fil-post, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess affidavit minn fejn jirrizulta illi kien l-istess appellant illi ta n-numru lill-pulizija u wara tfittxija sabu li din il-vettura kienet registrata fuq ismu u iggaraxxjata kif hu stess qal lill-pulizija.

Fit-tieni aggravju l-appellant ilmenta illi huwa ma nghatax twissija ghal dak illi kien sejjer jinghad u ghalhekk dak illi qal lill-pulizija ma kellux jigi meqjus in konsiderazzjoni. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument.

Ikkunsidrat:

L-obbligu tal-pulizija illi jaghtu twissija lill-persuna li jkunu qeghdin jinvestigaw jirrezali meta jkun hemm arrest u cioé "a deprivation of liberty". Hawnhekk ghandna kaz ta' "roadside interview" fejn ma hemmx arrest u l-pulizija qeghdin jaghmlu l-ewwel indagni fejn deherilhom illi sar ksur ta' xi regolamenti tat-traffiku. F'dan il-kaz ma hemmx ghalfejn illi jkun hemm twissijiet u l-pulizija jistghu jinvestigaw kif normalment isir u wkoll jirregistraw dak illi jkun intqal lilhom mill-persuna li allegatament tkun qed twettaq il-ksur. Ghalhekk f'dan il-kaz il-pulizija ma kellhom l-ebda obbigu sabiex jaghtu xi twissija lill-appellant li min-naha tieghu kien obbligat iwiegeb ghad-domandi li kienu qeghdin jaghmlulu l-pulizija.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, mix-xhieda ta' Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta jirrizulta illi l-vettura HAC 494 hija ta' ghamla Volkswagen Golf u kienet ilha registrata fuq l-appellant Karmenu Debono mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu elf disa' mija sitta u tmenin (1986) sat-tlettax (13) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014). Skont ir-records ta' Transport Malta l-vettura kienet iggaraxxjata mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tal-elfejn u tlettax (2013). La kienet iggaraxxjata ma kellhiex pjanci, kwindi ma kellhiex la licenzja u lanqas assikurazzjoni. L-appellant inqabad isuq din il-vettura fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) fejn hu stess ta d-data korretta lill-pulizija kemm kienet ilha iggaraxxjata l-vettura u forna ukoll in-numru ta' registrazzjoni taghha HAC 494. L-appellant ma ikkontestax illi kien qed isuq il-vettura fi triq pubblika izda stqarr illi kien ser iwassalha go garaxx iehor vicin il-lokalità fejn kienet, ftit metri 'l boghod minn fejn gie mwaqqaf mill-pulizija.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant kien il-persuna illi waqqfu l-pulizija fi Triq Sant Andrija, iz-Zurrieq, waqt illi kien qed isuq il-vettura HAC 494 tal-ghamla Volkswagen Golf minghajr pjanci u kwindi minghajr licenzja u minghajr assikurazzjoni u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet legalment u ragjonevolment korretta meta sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti meta l-piena tkun fil-parametri tal-ligi. F’dan il-kaz il-piena qieghda f’tali parametri però l-appellant talab konsiderazzjoni ghall-fatt illi huwa qieghed vicin l-età pensjonabbli u jahdem bhala driver ma’ KPH Feeds u s-sospensjoni tal-licenzja tieghu tista’ taffettwa negattivament dan ix-xoghol. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza “Il-Pulizija versus Paul Azzopardi” deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Awwissu 2006 fejn intqal li l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu “ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser illi min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin.” Irrizulta illi l-appellant kien fi ksur tal-ligi li bhala piena tirrikjedi l-iskwalifika mandatorja tal-licenzja u kwindi anke hawnhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta imponiet tali skwalifika.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------